A.L. 250 ta' l-2005

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti ta' l-2005 tal-Kors għall-Grad ta' Master of Arts in Creativity and Innovation - M.A. (Creativity and Innovation)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu u Interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti ta' l-2005 tal-Kors għall-Grad ta' Master of Arts in Creativity and Innovation - M.A. (Creativity and Innovation).

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"il-Bord" tfisser il-Bord ta' l-Istitut Edward de Bono għat-Tfassil u l-Iżvilupp tal-Ħsieb;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Arts in Creativity and Innovation - M.A. (Creativity and Innovation); u

"il-Kors" tfisser il-kors ta' studji li jwassal għall-grad ta' Master of Arts in Creativity and Innovation - M.A. (Creativity and Innovation).

Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2004 jew wara.

Il-Kwalifiki għad-Dħul

3. L-applikanti għad-dħul fil-Kors għandu jkollhom:

(a) grad bl-Ewwel jew bit-Tieni Klassi bl-Unuri minn universita' rikonoxxuta għal dan il-għan mis-Senat; jew

(b) kwalifika professjonali rikonoxxuta mill-Universita' għall-għan tad-dħul fil-Kors u ekwivalenti għal grad universitarju bl-Ewwel jew bit-Tieni Klassi bl-Unuri; jew

(ċ) grad ordinarju minn universita' rikonoxxuta għal dan il-għan mis-Senat b'Kategorija II jew aħjar, flimkien ma' esperjenza ta' xogħol xierqa.

It-Tul tal-Kors

4. (1) Il-Kors għandu normalment jinfirex fuq perijodu ta' tnax-il xahar ta' studju fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti tiegħu fuq bażi *part-time*.

(2) L-istudenti jistgħu jitħallew, bil-permess tal-Bord, jtemmu l-programm tal-kors fi żmien massimu ta' tmintax-il xahar ta' studju fuq bażi *full-time* jew l-ewkwivalenti tagħhom fi studju fuq bażi *part-time* wara r-reġistrazzjoni. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, bl-approvazzjoni tas-Senat, l-istudenti jistgħu jitħallew jestendu dan il-perijodu b'sitt xhur.

Il-Programm tal-Kors

5. (1) Il-Kors għandu żewġ komponenti kif ġej:

(a) komponent mgħallem, li jikkonsisti f'għadd ta' taqsimiet studju obbligatorji u taqsimiet studju oħra elettivi, li għalihom hemm assenjati 40 kredtu ECTS; u

(b) komponent ta' riċerka, li jwassal għall-preżentazzjoni ta' dissertazzjoni, miktuba taħt superviżjoni, li għaliha hemm assenjati 40 kredtu ECTS.

(2) Il-programm ta' studji għandu jinkludi taqsimiet studju obbligatorji f': de Bono's Thinking Techniques; Lateral Thinking; u Research Methods.

Il-Programm ta' Studji

6. (1) Il-Bord għandu jħejji l-programm ta' l-istudji għall-Kors li għandu jindika liema taqsimiet studju għandhom jittieħdu f'kull semestru u liema taqsimiet studju huma obbligatorji, liema għandhom jittieħdu flimkien jew qabel taqsimiet studju

oħra. Il-Bord għandu jippubblika l-programm ta' l-istudji għall-Kors qabel ma jibda, wara l-approvazzjoni tas-Senat.

(2) Il-livell, il-kodiċi, it-titlu, id-deskrizzjoni u t-tip ta' kull taqsima studju, l-għadd ta' kredti ECTS assenjati għal kull taqsima studju, il-metodi ta' tagħlim u valutazzjoni, u l-lettur li jgħallem it-taqsima studju għandhom ikunu ppubblikati f'katalgu ta' taqsimiet studju, li għandu jkun ippubblikat mill-Bord, wara l-approvazzjoni tas-Senat.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

7. (1) It-taqsimiet studju għandhom ikunu evalwati fl-aħħar tas-semestru li jsiru fih.

(2) Ir-riżultati tal-valutazzjoni tat-taqsimiet studju u tad-dissertazzjoni għandhom ikunu ppubblikati bħala marka perċentwali u grad kif indikat fit-tabella hawn taħt:

Firxa ta' Marki	Grad
80% - 100%	A
70% - 79%	B
55% - 69%	C
45% - 54%	D
0 - 44%	F

Kemm il-marka perċentwali kif ukoll il-grad għandhom ikunu mniżżla fir-rekord akkademiku ta' l-istudenti. Madankollu, il-marka perċentwali biss għandha tintuża biex tkun ikkalkulata l-klassifikazzjoni finali tal-Grad.

(3) L-istudenti li jeħlu f'xi taqsima studju jistgħu jerġgħu jiġu eżaminati f'sessjoni supplimentari darba biss.

(4) Biex jikkwalifikaw għall-Grad, l-istudenti għandhom jiksbu l-kredti kollha indikati fir-regolament 5.

8. L-istudenti li, wara twissija xierqa bil-miktub, jibqgħu ma jatttendux għall-konferenzi u/jew għas-sessjonijiet tutorjali jew b'xi mod ieħor ma jaqdux id-dmirijiet akkademiċi tagħhom mingħajr ġustifikazzjoni adegwata, jistgħu jiġu mwaqqfa mis-Senat, wara rakkomandazzjoni tal-Bord, milli jkomplu l-Kors.

Id-Dissertazzjoni

9. Id-dissertazzjoni, li għandha tkun ippreżentata għall-eżami sa l-aħħar tal-Kors, għandha tkun ta' bejn il-25,000 u t-30,000 kelma dwar suġġett approvat. Id-dissertazzjoni għandha tkun xogħol oriġinali billi tkun jew rekord ta' riċerka oriġinali jew espressjoni ordnata u kritika ta' data eżistenti dwar suġġett partikolari approvat mill-Bord. Għandha tinkiteb, tkun ittajpjata u llegata skond il-kriterji stabbiliti mill-Bord għal dan il-għan. Jista' jsir ukoll eżami *viva voce* dwar id-dissertazzjoni.

Ir-Riżultat Finali

10. (1) Ir-riżultat finali ta' kull student għandu jqis il-gradi miksuba fil-valutazzjoni tal-komponenti mgħallma u ta' riċerka tal-Kors, li jingħataw piż skond l-għadd ta' kredti assenjati għal kull wieħed.

(2) L-ismijiet ta' l-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tal-Grad għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku kklassifikati kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda.